31 ta' Mejju, 1949.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Joseph Mifsud et.

**Rijunjoni tal-Proċessi — Trattazzjoni Kontestwali — Konnessjoni tal-Kawżi — Att ta' l-Akkuża — Art. 461 u 589 tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-eċċezzjoni sollevata mid-difiża fis-sens illi l-proċess huwa konness*

*ma' proċess ieħor kontra l-istess akkużat, u illi għalhekk iż-żewġ proċessi għandhom ikunu rijuniti u għandha ssir it-trattazzjoni kontestwali tagħhom, hija ta' kompetenza tal-Qorti komposta mill-Imħallef ordinarju tagħha, u mhux ta' l-istess Qorti kolleġjalment komposta, avvolju dik l-eċċezzjoni tiġi mogħtija fl-istadju preliminari tal-kawża; għaliex dik l-eċċezzjoni mhix waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li l-liġi tirrimetti għat-tribunal kolleġjali.*

*Dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi kunsidrata bħala li timporta difett fl-att ta' l-akkuża; għaliex biex eċċezzjoni tkun ritenuta tali hemm bżonn li, jekk tkun fondata, iġġib bħala konsegwenza n-nullità ta' l-att ta' l-akkuża, mentri eċċezzjoni simili mhix diretta għan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża, imma għar-rijunjoni taż-żewġ atti ta' l-akkuża u għat-trattazzjoni kontestwali tagħhom.*

*It-talba għar-rijunjoni tal-proċessi ma tistax issir mill-akkużat; u lanqas tista' l-Qorti tadottaha "marte proprio". L-inizjativa fil-materja jista' biss jeħodha l-Attorney General; u l-Qorti tista' biss takkorda jew tiċħad ir-rijunjoni, dejjem jekk ikun talabha l-Attorney General.*

*Apparti dan l-ostakolu insuperabili, f'dak l-istadju preliminari l-Qorti ma tistax tirritjeni li hemm il-kontinwità, peress li din tissupponi elementi ta' fatt li fuqhom għandhom jiġġudikaw esklużivament il-ġurati. U meta fost l-akkużati jkun hemm xi wieħed li ma hux akkużat fil-proċess l-ieħor, ma hux ġust li l-proċess ta' dan jiġi differit biex isiru flimkien iż-żewġ proċessi ta' l-akkużati li talbu r-rijunjoni tal-proċessi. Lanqas ma għandha ssir din it-trattazzjoni kontestwali meta ma hux spedjenti li quddiem ġuri wieħed il-proċess jiġi komplikat u mgħobbi bil-materjal tal-proċess l-ieħor.*

Il-Qorti, — Rat in-nota ta' l-akkużati Joseph Mifsud, Rosario Mifsud u Joseph Schraner, illi biha, fl-istadju preliminari tal-proċess, eċċepew illi l-akkuża miġjuba kontra tagħhom f'dana l-proċess hija konnessa ma' l-akkuża l-oħra nru. 8654 magħmula kontra tagħhom, u appuntata għall-21 ta' Ġunju 1949, u li għalhekk jista' jkun hemm lok għall-kontinwità tar-reat u jista' wkoll ikun hemm influwenza eventwali fuq l-applikazzjoni tal-piena minħabba l-konkors ta' reati; u konsegwentement talbu illi dan l-proċess jiġi trattat ma' l-ieħor nru. 8654;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dina l-eċċezzjoni tikkonsisti sostanzjalment fit-talba tad-difiża tat-tliet akkużati fuq imsemmija biex l-att ta' l-akkuża odjern (nru. 8648) jiġi unit ma' l-ieħor nru. 8654 u mieghu trattat;

Illi l-eċċezzjoni hekk sollevata hija ta' kompetenza ta' dina l-Qorti komposta mill-Imħallef ordinarju tagħha, u ma hix ta' kompetenza ta' l-istess Qorti kolleġjalment kostitwita, avvolja ġiet mogħtija fl-istadju preliminari. Infatti l-art. 461 jirrimetti għall-konjizzjoni tat-tribunal kolleġjali tliet eċċezzjonijiet biss fost dawk preliminari, ċjoè l-inkompetenza tal-Qorti, in-nullità ta' l-att ta' l-akkuża, u l-estinzjoni ta' l-azzjoni;

Illi l-eċċezzjoni hekk sollevata ma tistax bl-ebda mod tiġi kunsidrata bħala li timporta difett fl-att ta' l-akkuża, għaliex, biex eċċezzjoni tkun ritenuta tali, hemm bżonn illi, jekk tkun fondata, il-konsegwenza tkun in-nullità ta' l-att ta' l-akkuża, mentri f'dana l-każ ir-rimedju li qiegħed jitlob l-istess difensur huwa biss dak ta' l-unjoni taż-żewġ attijiet ta' l-akkuża u t-trattazzjoni kontestwali (ara digriet tas-17 ta' Ottubru 1857, "Regina vs. Paolo Cutajar");

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tad-difiża ma tistax tiġi milqugħa;

Illi infatti l-art. 589 igħid illi fil-każ kontemplat mill-art. 587 (reati diversi konnessi mill-istess persuna, anki jekk mhux konnessi bejniethom), jekk ikunu ġew preżentati żewġ attijiet ta' l-akkuża, il-Qorti tista' "fuq talba ta' l-Attorney General", tordna li dawna l-attijiet ta' l-akkuża jiġu uniti biex jiġu ġudikati flimkien;

Illi il-frażi "fuq talba ta' l-Attorney General" tirrikorri anki fl-artikolu ta' qabel (art. 588); u dina l-Qorti, sedenti l-Imħallef Dr. Paolo Debono, interpretat dik il-frażi fis-sens illi t-talba ma tistax issir mill-akkużat, u lanqas ma tista' l-Qorti tipproċedi "marte proprio". Il-Qorti tista' biss, wara li jieħu l-inizjativa l-Attorney General, tikkonċediha jew tinnegaha, skond kif jidhrilha xieraq. Qal, infatti, l-Imħallef Dr. Paolo Debono, fil-kawża "Rex vs. Giuseppe Micallef", 31 ta' Ottubru 1905, "l'accusato non è mai autorizzato a domandarla, e la Corte stessa non può ordinarla di ufficio,

sebbene, dopo l'iniziativa del prosecutore pubblico, possa concederla o negarla secondo che crede più proprio; tanto importando la voce potestativa usata dalla legge";

Illi dina l-Qorti, komposta minn tliet Imhallfin, segwiet l-istess interpretazzjoni ta' dik il-frażi fil-kawża "Rex vs. Emmanuele Sacco et.", fid-9 ta' Gunju 1942;

Illi hu ċar illi dik il-frażi għandha jkollha l-istess interpretazzjoni kull fejn tirrikorri fit-tliet artikoli (587, 588, u 589);

Illi f'dan il-każ mhux talli ma hemmx it-talba ta' l-Attorney General, anzi, għall-kuntrarju, hemm l-oppożizzjoni tiegħu; u għalhekk il-Qorti, mingħajr l-inizjativa tal-Prosekuzzjoni, ma tistax lanqas tikkunsidra jekk hux il-każ li jingħata jew le dan il-provvediment. U hu xieraq li tiġi mantenuta dina l-interpretazzjoni, għaliex jista' jkun hemm raġunijiet interessanti l-amministrazzjoni tal-ġustizzja li jkunu jimmotivaw dik l-inazzjoni ta' l-Attorney General;

Ikkunsidrat;

Illi, anki apparti dana l-ostakolu insuperabili, dina l-Qorti ma kienetx tkun propensa tilqa' t-talba tad-difiża; fost raġunijiet oħra, għaliex il-Qorti lanqas tista' tirritjeni f'dana l-istadju li hemm il-kontinwità, peress illi dina tissupponi elementi ta' fatt li fuqhom għandhom jiġġudikaw esklużivament il-ġurati ("Regina vs. Molinari", 13 ta' Diċembru 1900); u anki għaliex ma' l-akkużati eċċipjenti hemm anki akkużat ieħor li mhux interessat fl-att ta' l-akkuża nru. 8654, u li mhux ġust illi l-proċess tiegħu jiġi differit; u fl-aħħarnett anki għaliex mhux spedjenti li quddiem ġuri wieħed il-proċess jiġi kompli kat u mgħobbi bil-materjal ta' proċess ieħor;

Għal dawna r-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba tad-difiża, u tordna li jerġgħu jitmexxew il-proċeduri.